MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 502/2002/1

**Fenici Insurance Agency Limited bhala agenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Liberty Motor Limited u Melvin Bonnici**

**vs**

**Atlas Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. u Michael Scerri, u d'digriet tas-26 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited assumiet l-atti minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-28 ta' Frar 2002, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmien liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm708.75) rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi bhala konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li**

**sehh nhar it-13 ta' Marzu 1999 ghall-habta tat-3:00a.m. gewwa Santa Lucia Avenue, Paola, bejn il-vettura misjuqa mill-attur Melvin Bonnici, bin-numru tar-registrazzjoni MEL -771, u l-vettura misjuqa mill-konvenut Michael Scerri, bin-numru tar-registrazzjoni BAG 038, li del resto ammetta r-responsabbilta' tieghu ghall-istess incident, anke tramite s-socjeta' konvenuta Atlas Insurance Agency Limited, li effettwat hlasijiet ohra lill-attrici in konnessjoni ma' l-istess incident in kwantu s-socjeta' assikurattiva tal-konvenut Michael Scerri. Is-somma pretiza hija dovuta mill-konvenuti jew min minnhom:-**

- **In kwantu ghas-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm583.75) lis-socjeta' attrici Fenici Insurance Agency Limited, rapprezentanti bilanc fuq hlasijiet effettwati mill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mat-telf ta' uzu tal-vettura ta' l-assikurat taghhom, l-attur Melvin Bonnici, li kien gie kostrett jikri vettura alternattiva bhala rizultat ta' l-incident *de quo*;**

- **In kwantu ghas-somma ta' mija hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125.00), lill-attur Melvin Bonnici, ammont rapprezentanti *excess payment* minnu mhallas lis-socjeta' attrici Fenici Insurance Agency Limited, bhala konsegwenza ta' l-istess incident imsemmi.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 14 ta' Novembru, 2000, ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru, 2001 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment lis-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited, u nteressi legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Michael Scerri pprezentata fit-3 ta' April 2002 fejn intqal:**

1. **Illi l-azzjoni attrici hija llum preskritta.**
2. **Illi kien sar pagament zmien ilu u dan kien sar ghas-saldu.**

**3. Illi fi kwalunkwe kaz zgur li l-ammont mhux dovut da parte tal-eccipjent stante li ma kien hemm xejn illegali fl-agir tal-eccipjenti li bih l-istess eccipjent jista' qatt jigi kundannat ihallas xi danni.**

**Semgha x-xhieda ta' John Busuttil.**

**Ra l-verbal tas-26 ta' Novembru, 2002 li bih il-konvenut irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. L-atturi qed jitolbu danni dwar incident li sehh fit-13 ta' Marzu, 1999 f'Santa Lucia Avenue, Paola bejn il-vettura MEL 771 misjuqa mill-attur Melvin Bonnici u l-vettura BAG 038 misjuqa mill-konvenut Michael Scerri.**
**2. Dwar ir-responsabbilta' dina kienet giet accettata mill-konvenuti fis-sens li t-tort ta' l-incident kien tal-konvenut u dana kif jirrizulta minn fax Dok JB 2 mibghut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici datat 20 ta' Awissu, 1999.**
**3. Il-punt in kwistjoni jirrigwarda l-*loss of use,* ossia l-kiri ta' vettura da parti ta' l-attur sakemm isiru t-tiswijiet mehtiega.**
**4. Is-socjeta' konvenuta qed tippretendi illi l-massimu illi tista' tehel ghal dak illi huwa *loss of use* huwa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) u dana kif jistipula l-kuntratt tas-socjeta' konvenuta.**
**5. Is-socjeta' attrici qieghda tghid illi huwa minnu li l-massimu li solitu jithallas huwa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) pero' f'dan il-kaz ma kienx hemm dan il-massimu, l-attur kien kopert ghal numru limitat ta' jiem, u dana skond l-ittra Dok JB6 mibghuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta datata 8 ta' Novembru, 1999 fejn fost ohrajn jinghad:**

**"….. is covered for alternative vehicle for a limited number of days…. Enclosing copy of loss of use bill……. Lm833.75"**

**In oltre dana huwa wkoll stipulat fil-polza ta' assikurazzjoni relattiva Dok AB 1 a fol 78 jipprovdi f'section 4**

***"the insurers shall provide you at their own expense with the use of an alternative vehicle from the day the insured vehicle is delivered for repairs until re-delivery of the insure vehicle to you after repairs."***

**In oltre s-survey report li mieghu hu necessarjament abbinat il-kiri ta' vettura ma jindikax numru ta' granet. Dana setgha kien ghar-raguni li diversi spare parts ma kienux in stock.**

**6. Is-socjeta' konvenuta targumenta illi l-polza ta' assigurazzjoni kienet torbot lis-socjeta' assigurattrici u lill-assigurat taghha, pero' ma setghetx torbot lil terzi. F'dan ir-rigward it-Tribunal kif dejjem sostna, jirribadixxi d-dritt li ghandu d-danneggjat li jitqieghed fl-istess posizzjoni qabel ma sehh is-sinistru. Ghalhekk jekk is-socjeta' konvenuta assigurattrici mhix marbuta ghal dak li gie kuntrattat bejn l-attur u s-socjeta' assigurattrici tieghu, definittivament il-konvenut mhux mehlus milli jirrizarcixxi u d-differenza 'l fuq minn mitejn u hamsin lira (Lm250) li s-socjeta' tieghu hi tenuta li thallas.**

**7. It-Tribunal hu konvint illi l-attur sewwa skond is-survey u b'ebda mod id-danni ma gew aktar milli suppost, u dana jirrizulta ampjament mid-diversi dokumenti esebiti rigwardanti r-riparazzjonijiet Dok EE 2 sa EE 11.**

**8. Ghalhekk in kwantu d-danni mitlub ghal dak li huwa *loss of use* huma fl-ammont ta' seba' mija u tmien liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm708.75) u in kwantu ghal dawn id-danni ghandhom jaghmlu tajjeb il-konvenuti, u peress illi s-socjeta' assigurattrici tal-konvenut ghandha taghmel tajjeb sa mitejn u hamsin lira, l-konvenut jigi li ghandu jhallas il-bilanc ta' erba' mija tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm458.75).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tmien liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm708.75) kif ser jinghad. Is-socjeta' konvenuta qed tigi kundannata thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lis-socjeta' attrici. Il-konvenut qed jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm458.75) lill-atturi.**

**Bl-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-ammonti kollha msemmija mit-23 ta Novembru, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 14 ta' Novembru, 2000, ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru, 2001 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment lis-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited, ghandhom jigu sopporatati fi kwoti wgwali bejn il-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------